

# Is-Sorijiet ta' San Ġużepp tal-Apparazzjoni

*Sr Gemma Farrugia* Sorijiet ta' San Ġużepp tal-Apparazzjoni

Fil-ħarġa tas-sena l-oħra tkellimna dwar Santa Emilja de Vialar u l-kongregazzjoni li waqqfet biex "tagħti glorja lil Alla". Illum ser ngħidu xi ħaġa dwar kif Emilja ġiet Malta u kompliet il-ħidma tagħha.

Fl-1845 Emilja kellha tivjaġġa mit-Tuneżija għall-Alġerija wara li kienet ħadmet għall-ġid tal-poplu t'hemmhekk għal tlettax-il sena. Imma l-Providenza Divina kellha pjanijiet oħra. Il-vapur li kienet qed tivjaġġa fuqu nqabad f'maltempata kbira, li damet għal disat ijiem sħaħ. Kien hemm magħha fuq il-vapur Sr. Emilie Julien, Sr Elizabeth de Monistrol u ż-żagħżugħa li kienet qed tħejji ruħha biex issir parti mill-kongregazzjoni. Meta Emilja rat li kienu fil-periklu li jitilfu ħajjithom, għamlet wegħda li *"tiftaħ dar fil-post fejn jaslu qawwijin u sħaħ u tiddedikaha għal San Pawl"*. **U l-Providenza Divina riedet li l-post li fih waslu kien Malta!**

Mill-ewwel rat kif ser tagħmel biex twettaq il-wegħda li kienet għamlet, u fl-1845 fetħet l-ewwel dar f'Malta, f'Palazzo Bettina, il-Birgu. Is-sorijiet tagħna kienu milqugħin ħafna għax sa dak iż-żmien f'Malta kien hawn biss Sorijiet tal-Klawsura. Konna l-ewwel sorijiet li bdejna nwettqu ħidma ta' karità. Emilja fetħet skola għat-tfal foqra li kienet tieħu anki *boarders*. Sfortunatament f'din id-dar kienu jgħidu li kien hemm il-ħares, u la t-tfal u lanqas is-sorijiet ma setgħu jibqgħu joqogħdu hemm minħabba l-ħsejjes tal-biża' li kienu jisimgħu billejl.

Telqu minn hemm, u f'inqas minn sentejn kienu f'dar oħra fi Triq Federiku, il-Belt Valletta. L-iskola tal-Belt kienet sejra tajjeb ħafna, iżda ġara li ċ-ċirkostanzi daru kontrihom u bdew jaħsbu biex iħallu Malta. Imma Mons Gaetano Pace Forno ma riedx iħallihom jitilqu u tahom dar fi Triq Buon Giorno Bormla. Għelbu d-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom fil-bidu u s-sorijiet kienu kuntenti. Wara ftit krew dar oħra għax in-numru tat-tfal kompla jiżdied. Tant bdew jagħmlu xogħol siewi li l-Isqof fdalhom f'idejhom l-orfanatrofju djoċesan li kien hemm fi Triq San Ġorġ, Bormla. (Din id-dar ingħalqet fl-1980 u



ġiet trasferita għal Dar Sagra Familja f'Ħaż-Żabbar.)

Dawn iż-żewġt idjar kienu saru żgħar wisq għax-xogħol ta' edukazzjoni li kien hemm bżonn u s-sorijiet bdew ifittxu post aktar addattat. Imma fondi ma tantx kien hemm! Semgħu bil-Prinċipessa Capua li kienet toqgħod f'Palazzo Capua f'tas-Sliema. Għamlu kuntatt magħha u talbuha l-għajnuna. Semgħethom, u għalkemm ma tathom l-ebda għajnuna finanzjarja, kitbet lill-Papa ta' dak iż-żmien, il-Papa Ljun XIII, u qaltlu b'dak li kienu jeħtieġu s-sorijiet tagħna. Ruma għamlet kuntatt mal-Isqof lokali, Mons Gaetano Pace Forno u dan tahom biċċa art b'ċens fi Triq il-Katidral f'tas-Sliema. Fi żmien sena tela' l-bini u fl-1881 l-iskola kienet lesta. Il-ħruġ minn Bormla għal tas-Sliema kien donnu eżodu! Karrettuni, karrozzini... kollha mgħobbijin b'għamara, tfal, sorijiet, sejrin lejn il-bini l-ġdid ġewwa tas-Sliema, l-istess skola li llum fis-sena 2012 tilqa' fiha madwar 1000 student minn 4 snin sas-16-il sena!

Ftit tas-snin wara nħass il-bżonn li tinfetaħ skola ġdida, u fl-1903, infetħu l-bibien tal-iskola fil-Belt Valletta, fi Triq Zakkarija. Bħall-ewwel waħda li kien hemm qabilha, din l-iskola marret tajjeb ħafna u ġibdet ħafna tfal. Iżda biż-żmien bdejna naraw li ma setgħetx tissodisfa l-ħtiġijiet edukattivi li kien hemm bżonn. Fl-1957 l-Arċisqof ta' Malta Mons Mikiel Gonzi, poġġa l-ewwel ġebla tal-iskola tal-Blata l-Bajda, u fl-1958 wara li kienet saret l-Fiera Internazzjonali fil-grawnd tal-iskola, l-iskola tal-Blata l-Bajda fetħet beraħ il-bibien tagħha għall-qtajja' ta' tfal subien u bniet, kollha kuntenti bl-iskola l-ġdida tagħhom.

Wara l-ftuħ tal-iskola fil-Belt, is-superjura ta' dak iż-żmien, Madre Alessina Sassoli rċeviet bosta talbiet biex tiftaħ orfanatrofji jew skejjel fil-Ħamrun, fil-Belt u f'Raħal il-Ġdid. Ma kienx faċli għas-sorijiet biex jagħrfu dak li Alla ried minnhom. **Is-superjura ġietha idea. Issuġġeriet li ssir novena lil San Ġużepp.** Kull soru kellha tikteb isem tal-post fejn kellhom jaħdmu u tagħti isem lill-fundazzjoni l-ġdida. Fl-aħħar tan-novena s-sorijiet iltaqgħu u tellgħu bix-xorti. Fuq il-karta li telgħet kien hemm miktub: **PAOLA, MATER BONI CONSILII SCHOOL.** Fl-1910 is-superjura u żewġ sorijiet mill-Belt marru jiftħu din il-fundazzjoni l-ġdida.

Għall-ewwel, l-iskola kienet f'Palazzo Lampuka. Fl-1916 saret il-bidla għal Żabbar Road. Minħabba l-iżvilupp li sar fit-Tarzna, u ż-żieda tal-popolazzjoni f'dawn l-inħawi, il-bini fejn kien hemm l-iskola kien sar żgħir wisq. Inxtrat l-art fil-parti magħrufa ta' Liedna



u fl-1926 l-iskola Mater Boni Consilii fetħet il-bibien tagħha għall-istudenti subien u bniet kif ukoll għall-*boarders*.

Matul it-tieni gwerra dinjija, għal xi żmien l-iskola kienet użata bħala sptar militari. Iżda dan il-proġett kellu jiġi abbandunat minħabba l-fatt li l-iskola kienet wisq viċin it-tarzna u allura esposta għall-ħbit mill-għadu. Meta s-sorijiet reġgħu ħadu l-iskola f'idejhom, din kienet fi stat tassew ħażin, imma bil-mod il-mod irranġaw dak kollu li kien hemm bżonn. L-iskola bdiet tiffunzjona mill-ġdid, imxiet 'il quddiem u kien hemm żmien meta kien hemm aktar minn 800 student jirċievu l-edukazzjoni tagħhom fiha. Kien tassew ta' dispjaċir meta fl-1984 iċ-ċirkustanzi wasslu biex it-tliet klassijiet il-kbar kienu trasferiti għall-Blata l-Bajda. Iżda Mater Boni Consilii għadha tagħti l-edukazzjoni primarja u lill-ewwel żewġ klassijiet tal-iskola sekondarja.

Matul il-gwerra, is-sorijiet kienu evakwati f'diversi rħula, fosthom fir-Rabat, fejn fetħu skejjel temporanji. In-nies tar-Rabat riduhom jibqgħu u l-Konti Messina offrilhom il-villa tiegħu bi prezz baxx. Fl-1944 infetħet uffiċjalment skola għas-subien, li iżda għalqet fl-1977. U minn dak iż-żmien 'l hawn dan il-post qed jintuża bħala dar ta' mistrieħ għas-sorijiet l-anzjani tagħna u għal dawk is-sorijiet li jirtiraw mill-missjoni tagħhom f'artijiet barranin. Parti minn dan l-istess post hu Dar ta' Talb, użata wkoll għall-irtiri, u hemm ukoll ir-residenza Provinċjali.

Matul dawn is-snin kollha, l-Id ta' Alla ħadet ħsieb is-sorijiet tagħna, u kemm il-ħidma li jwettqu fl-iskejjel ta' tas-Sliema, il-Belt, il-Blata l-Bajda u Raħal il-Ġdid, u kif ukoll dik li jwettqu ma' dawk kollha fil-bżonn, komplew dejjem aktar jifjorixxu.

Kienu snin li matulhom b'tant dedikazzjoni ngħata servizz ta' valur lill-knisja lokali u lis-soċjetà Maltija. Kien hemm ħafna ġenerazzjonijiet li ħadu l-edukazzjoni tagħhom fl-iskejjel u fid-djar tagħna. Dawn irċevew u ħadu magħhom l-ispirtu ta' Santa Emilja de Vialar, li dejjem kienet ittenni lis-sorijiet li kienet tibgħat iwettqu l-missjoni tagħhom:"Morru! U b'dak kollu li għandkom u tirċievu, agħmlu l-ġid kollu li tistgħu". U dan kollu qed isir bil-Barka tal-kbir qaddis San Ġużepp li qatt ma jieqaf jixħet fuqna u fuq ħidmietna l-barka tiegħu!

Inħeġġiġkom biex tkunu tassew devoti tiegħu u li tirrikorru lejh f'kull bżonn materjali u spiritwali tagħkom.